MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 19/2012

**Direttur Generali, bhala rappresentant ta' l-Awtorita' ta' l-Istatistika**

**vs**

**Sands and Gravel Limited C 337**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors promotur intavolat mis-socjeta Sands and Gravel Limited a tenur tal-artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-15 ta' Dicembru 2011 fejn hija kienet qed titlob illi l-ittra ufficjali datata 25 ta' Novembru 2011 mibghuta lilha mid-Direttur Generali tal-Awtorita' ta' l-Istatistika tigi dikjarata nulla u bla effett.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali ta' l-Awtorita' ta' l-Istatistika fejn talbet li tali rikjesta tigi respinta.

Rat illi fis-16 ta’ Novembru 2012, is-socjeta rikorrentiipprezentat nota ta’ cessjoni fuq il-mertu tal-kawza filwaqt illi zammet ferm il-kaz fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Rat illi l-kaz thalla ghas-sentenza

**Ikkunsidrat**

Illi l-kaz odjern jirrigwarda ittra ufficjali illi ntbghatet mid-Direttur Generali ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Istatistika fil-25 ta’ Novembru 2011 wara illi s-socjeta Sand & Gravel Limited kienet naqqset milli tirritorna l-istatistika minnha rikjesta a tenur tal-Kap 422 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema statistika kellha tintbaghat kull xahar izda kienet ilha nieqsa minn Jannar 2011 sad-data tal-prezentata ta’ l-ittra ufficjali.

Illi jirrizulta li, waqt il-mori tal-kawza, wara erbgha differimenti moghtija mill-Qorti ghal dan il-ghan, l-istatisika ghax-xhur ta’ bejn Jannar u Ottubru 2011 rikjesta mid-Direttur Generali giet attwalment ipprezentata fil-Qorti u, fis-seduta tas-16 ta‘ Novembru 2012 dawna d-dokumenti gew irtirati minn rapprezentant ta’ l-istess Direttur Generali.

Illi l-Qorti ma tistax ma tinutax illi kienet l-inadempjenza tar-rikorrent illi wasslet ghall tali azzjoni u ghalhekk id-Direttur Generali ma kellu ebda ghazla ohra ghajr illi jipprocedi bl-ittra ufficjali sabiex jigi assikurat li r-rikorrent jottempera ruhu mal-obbligi tieghu.

Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tasal ghal konkluzjoni illi huwa r-rikorrent illi jrid ibaghti l-ispejjez ta’ tali proceduri peress illi kienet in-nuqqas tieghu li wasslet sabiex tali azzjoni jigu mnieda.

**Il-Qorti,**

Ghalhekk tghaddi biex taqta u tidddeciedi il-kaz billi

Filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kaz peress illi dan gie cedut fis-16 ta’ Novembru 2012.

Tiddikjara illi s-socjeta rikorrenti Sand & Gravel Limited ghandha thallas ghall-ispejjez kollha inkorsi fil-proceduri odjerni, kemm minnha innifisha, kif ukoll mid-Direttur Generali ta’ l-Awtorita ta’ l-Istatistika u ghalhekk

Tikkundannaha thallas l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------